

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (it-Tieni Awla) tal-14 ta' Ġunju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden – il-Pajjiżi l-Baxxi) – Stichting Brein vs Ziggo BV, XS4ALL Internet BV

(Kawża C-610/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Proprjetà intellettwali u industrijali — Direttiva 2001/29/KE — Armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati — Artikolu 3(1) — Komunikazzjoni lill-pubbliku — Kunċett — Pjattaforma ta' qsim online — Qsim ta' fajls protetti, mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur)

(2017/C 277/09)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Stichting Brein

Konvenuti: Ziggo BV, XS4ALL Internet BV

Dispożittiv

Il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, it-tqegħid għad-dispożizzjoni u l-ġestjoni, fuq l-internet, ta' pjattaforma ta' qsim li, permezz tal-indiċjar ta' metadata dwar xogħlijiet protetti u tal-provvista ta' mutur ta' riċerka, tippermetti lill-utenti ta' din il-pjattaforma jsibu dawn ix-xogħlijiet u jaqsmuhom bejniethom fil-kuntast ta' netwerk peer-to-peer.

⁽¹⁾ ĠU C 48, 8.2.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Ġunju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour de cassation – Franza) – N. W, L. W, C. W vs Sanofi Pasteur MSD SNC, Caisse primaire d'assurance maladie des Hauts-de-Seine, Carpimko

(Kawża C-621/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 85/374/KEE — Responsabbiltà għal prodotti difettużi — Artikolu 4 — Laboratorji farmaċewtiċi — Tilqim kontra l-epatite B — Sklerożi multipla — Prova ta' tilqim difettuż u ta' rabta kawżali bejn id-difett u d-dannu mġarrab — Oneru tal-prova — Metodi ta' prova — Assenza ta' kunsens xjentifiku — Indizji gravi, preċiżi u konkordanti li għandhom jiġu evalwati mill-qorti li tagħti deċiżjoni fuq il-mertu — Ammissibbiltà — Kundizzjonijiet)

(2017/C 277/10)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: N. W, L. W, C. W

Konvenuti: Sanofi Pasteur MSD SNC, Caisse primaire d'assurance maladie des Hauts-de-Seine, Carpimko

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE, tal-25 ta' Lulju 1985, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix sistema probatorja bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li tipprovdi li, meta l-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu jkollha kawża quddiemha dwar ir-responsabbiltà ta' manifattur ta' vaċċin minħabba l-allegat difett ta' dan tal-aħħar, tali qorti tista' tqis, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha f'dan ir-rigward, li minkejja l-konstatazzjoni li r-riċerka medika la tistabbilixxi u lanqas tinvalida l-eżistenza ta' rabta bejn it-teħid tal-vaċċin u l-okkorrenza tal-marda li jbati minnha l-vittma, ċerti fatti invokati mir-rikorrent jikkostitwixxu provi gravi, preċiżi u konkordanti li jippermettu li tikkonkludi li hemm difett tal-vaċċin u rabta kawżali bejn dan id-difett u l-marda. Madankollu, il-qrati nazzjonali għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni korretta tagħha tal-imsemmija sistema probatorja la twassal sabiex l-oneru tal-prova stabbilit fl-Artikolu 4 ma jittiħidx inkunsiderazzjoni u lanqas sabiex tiġi kompromessa l-effettività tas-sistema probatorja stabbilita minn din id-direttiva.
- 2) L-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/374 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi sistema probatorja li hija bbażata fuq preżunzjonijiet li jgħidu li, fil-każ ta' riċerka medika li la tistabbilixxi u lanqas tinvalida l-eżistenza ta' rabta bejn it-teħid tal-vaċċin u l-okkorrenza tal-marda li jbati minnha l-vittma, l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn id-difett attribwibbli għall-vaċċin u d-dannu mgħarrab mill-vittma dejjem titqies li hija stabbilita meta jkun għew ippreżentati ċerti provi fattwali ta' kawżalità predeterminati.

⁽¹⁾ ĠU C 48, 08.02.2016

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-14 ta' Ġunju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – Mohammad Zadeh Khorassani vs Kathrin Pflanz

(Kawża C-678/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2004/39/KE — Swieq ta' strumenti finanzjarji — Artikolu 4(1)(2) — Kunċett ta' "servizzi ta' investiment" — Punt 1 tat-Taqsima A tal-Anness I — Riċeviment u trażmissjoni ta' ordnijiet li jirrigwardaw strument finanzjarju wieħed jew iktar — Inklużjoni eventwali tal-intermedjazzjoni fid-dawl tal-konklużjoni ta' kuntratt ta' ġestjoni ta' portafoll)

(2017/C 277/11)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Mohammad Zadeh Khorassani

Konvenuta: Kathrin Pflanz

Dispożittiv

L-Artikolu 4(1)(2) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE, moqri flimkien mal-punt 1 tat-Taqsima A tal-Anness I ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li s-servizz ta' investiment li jikkonsisti fir-riċeviment u fit-trażmissjoni ta' ordnijiet li jirrigwardaw strument finanzjarju wieħed jew iktar ma jinkludix l-intermedjazzjoni fid-dawl tal-konklużjoni ta' kuntratt li għandu bħala suġġett attività ta' ġestjoni ta' portafoll.

⁽¹⁾ ĠU C 106, 21.3.2016.